disa' snin qabel, kien fetaħ it-triq li minnha l-ewwel ma għadda l-Poeta Nazzjonali tagħna, imbagħad il-Professur Cuschieri, imbagħad wara dawn it-tnejn, mess b'xorti lili, meta darba ltqa' miegħi u ħajjarni niktiblu xi versi għall-HABIB, li tiegħu kien id-Direttur. Lili Ġużè Muscat Azzopardi kien jafni s-Seminarju fejn, bħala Eżaminatur tiegħi tat-Taljan, kien ġie li qara xi versi tiegħi bit-Taljan. Wara xi snin messet imbagħad lill-*Għaqda* li twettaq ix-xogħol kbir tagħha : jiġifieri li twaqqaf sistema ta' ortografija waħda fil-kitba bil-Malti fost il-kittieba tal-Malti. Dak kien xogħol li sar wara s-sejħa li kien għamel fil-ġurnali s-Sur Saver Caruana, l-ewwel Segretarju tal-*Għaqda*, li b'riħtu l-kittieba tal-Malti nġabru u ngħaqdu flimkien f'familja waħda — familja akkademika li l-lum kibret fl-attivitajiet letterarji tagħha, b'mod li l-lum hija magħrufa uffiċjalment fit-tagħlim tal-Malti bis-sistema tagħha fl-iskejjel, fl-Università, fl-amministrazzjoni burokratika u legali, u li, saħansitra, kellha x-xorti li l-Università tagħna lil uliedha tagħarfilhom il-jedd ta' ġieh fil-gradi akkademiċi tagħha.

Għalhekk, min bħal Mons. Psaila, biex ma nsemmix lili li nħossni ċkejken fejn il-mertu li tawni, jikseb il-ġieh ta' grad akkademiku mill-*Alma Mater* tagħna, għandu jkun debitur lejn il-*Għaqda* li għax magħha u magħha żejjen ismu, għax ismu fl-Istorja tal-Letteratura Maltija ma jista' jingħażel qatt minn dak tal-*Għaqda*.

**U midalja oħra tad-deheb iqiegħed iż-Żmien ta' l-Istorja Maltija fuq sider NINU CREMONA, il-midalja ta' l-immortalità letterarja.**

**ĠUŻÈ AQUILINA**



# LI MA KONTX INT, SUR NIN . . .

## (1880 — 1960)

*Ta'* ĠUŻE' CARDONA

*Lis-Sur Nin Cremona*
*f'għeluq it-80 sena tiegħu.*

Li ma kontx int, Sur Nin,
Li sura ħloqt f'Il[illegible],
W erfajtu mit-taħwid
Li bih kien qed jinkiteb...

Li ma kontx int, Sur Nin,
Li tajtu libsa ġdida
Bil-ħsieb u l-ġmiel minsuġa
U sar bħal ilsna oħra...
Konna nitilfu l-benna
Ta' "NAZJU", ta' "SUSANNA"
U ta' Dun Karm il-vrus
Fl-għajnejn narawhom fqajra.

Li ma kontx int, Sur Nin,
Li tajtna regli sodi
Min kien se jibqa' jsawwar
Kitba jew vrus kotrana?

Li ma kontx int, Sur Nin,
M'għandniex lil Aquilina,
Galea, Vassall, Chetcuti,
Pisani, Ġorġ Zammit,
Briffa w kittieba oħra!

Għalhekk imbierek kien
Il-jum li fih, Sur Nin,
Is-Sur Ġużè tal-Marsa
Xtaq fil-"ĦABBAR" tiktiblu,
U wisq ta' risq il-jum
Li fih Vassallo Ġanni
Uriek "MUFTIEĦ IL-KITBA"
U ħajrek tkun grammatku.